# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2020**

**Numru 1**
**Rikors numru 1210/08 JPG**

**AJD Tuna Limited (C – 26300)**

**v.**

**Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Ġenerali,**
**illum il-ġurnata magħruf bħala l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment wara talba magħmula mill-kumpannija appellanti AJD Tuna Limited b'rikors tagħha tat-3 ta' Lulju, 2020[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar "*contrario imperio*" d-digriet mogħti minnha waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2020, li bis-saħħa tiegħu sabet li l-appell imressaq minn AJD kien mar deżert minħabba n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-kawtela;

[1] Paġġ. 698 – 9 tal-proċess

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati appellati fit-23 ta' Lulju, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, seħqu li din il-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba tal-appellanti;

3. Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Cutajar u ta' Charles Azzopardi dwar iċ-ċirkostanzi msemmija mill-appellanti fir-rikors tagħha;

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta' Awwissu, 2020, f'liema data ħalliet ir-rikors għal-lum għall-provvediment;

**Ikkonsidrat:**

5. Illi f'dan il-każ, joħroġ li AJD kienet appellat fid-19 ta' Awwissu, 2015, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Lulju ta' dik is-sena fil-kawża fl-ismijiet premessi. L-intimati appellati laqgħu n-notifika tar-rikors tal-appell ta' AJD ftit tal-jiem wara, u fis-7 ta' Settembru, 2015, ressqu flimkien it-Tweġiba tagħhom għall-imsemmi appell;

6. Illi l-appell tqiegħed għas-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2020, b'digriet tas-16 ta' Ġunju, 2020;

7. Illi AJD laqgħet in-notifika tal-Avviż għas-Smigħ u l-avviż għall-ħlas tal-kawtela fid-19 ta' Ġunju, 2020[2]. Dakinhar li kellu jissejjaħ l-appell, kemm rappreżentanti ta' AJD u kif ukoll id-difensuri tagħhom dehru quddiem il-Qorti. Il-ħlas tal-kawtela ma kienx għadu sar u l-Qorti għaddiet biex tagħti d-digriet tad-deżerzjoni waqt is-smigħ;

8. Illi AJD tressaq żewġ raġunijiet ewlenin biex tfisser għaliex naqset li tħallas il-kawtela tal-appell sa dakinhar tas-smigħ: l-ewwel raġuni hija n-nuqqas ta' siwi tan-notifika tal-Avviż tas-Smigħ u tal-Ħlas tal-Kawtela, filwaqt li t-tieni raġuni hija li, f'kull każ, in-nuqqas ta' ħlas kien il-frott "żball invinċibbli" min-naħa tad-diretturi tal-kumpannija appellanti. Fl-ewwel raġuni, hija tgħid li l-atti tal-Avviż tħallew f'idejn persuna li mhijiex impjegata tagħha, imma ta' ditta li għandha x'taqsam magħha. Fit-tieni raġuni, hija tgħid li fiż-żmien li nħareġ l-Avviż tas-Smigħ u tal-Ħlas tal-Kawtela, AJD kienet "fl-aktar fażi kruċjali tal-istaġun fejn ikun qiegħed jiddaħħal it-tonn fl-istabbilimenti tagħha, operazzjoni li jirrikjedi li l-impjegat u d-diriġent tagħha jqattgħu ħinijiet twal il-baħar jew barra mill-uffiċju fuq xogħol" u kif ukoll "billi d-diretturi meta eventwalment u tardivament l-att wasal f'idejhom huma ħasbu li l-att u l-appuntament kien jirreferi għall-proċeduri li kienu għadhom kemm intavolaw u ma ġiex f'moħħhom li dan kien jirreferi għall-appell minnhom introdott ħames snin qabel". AJD tqajjem ukoll l-argument li d-digriet tad-deżerzjoni jġib

[2] Paġ. 695 *tergo* tal-proċess

miegħu ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq tal-każ tagħha quddiem qorti u dan fid-dawl tas-siwi kbir tal-każ, b'mod partikolari fejn jidħol id-Dritt Komunitarju;

9. Illi l-intimati, min-naħa tagħhom, iwarrbu dawn ir-raġunijiet billi jgħidu li n-notifika tal-Avviż saret tajjeb, kif kellha ssir u fiż-żmien meħtieġ. Jgħidu wkoll li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem minn AJD biex jippruvaw jiġġustifikaw in-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-kawtela jixhdu li AJD tippretendi li tista' tinjora r-regoli tal-proċedura u tipprova toħloq preċedent perikoluż għal min jabbuża bil-proċess ġudizzjarju;

10. Illi l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dik il-parti f'kawża (jew appellant) li ma tkunx qegħda tmexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnha, għalkemm mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-istess parti (jew appellant, skont il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrativi tal-Qorti[3];

11. Illi f'dan ir-rigward, il-liġi tagħmilha ċara li, fil-każijiet li fihom jgħodd, in-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-garanzija għall-ispejjeż hija waħda mir-raġunijiet tassattivi li jġibu d-deżerzjoni tal-appell[4]. F'dan ir-rigward, ingħad li n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-kawtela jitfa' fuq il-Qorti d-dmir li

---

[3] Ara P.A. GCD **5.11.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs Victor Aquilina*** *et*
[4] Art. 209(1) tal-Kap 12

tiddikjara deżert l-appell li jkun tressaq[5]. Mhux hekk biss, imma t-tħaddim ta' din ir-riperkussjoni radikali taf titwettaq ukoll jekk il-parti appellanti ma tkunx formalment laqgħet in-notifika tal-Avviż tas-Smigħ, imma ssir taf bl-appuntament tal-appell tagħha u titnikker bla raġuni tajba milli tħallas il-kawtela[6];

12. Illi l-Qorti tagħraf li l-istess dispożizzjoni tal-liġi tagħti żewġ eċċezzjonijiet għat-tħaddim tad-deżerzjoni awtomatika billi tagħti lill-Qorti l-jedd li tikkonċedi lill-parti appellanti żmien qasir li fih tista' ġġib il-garanzija kif irid l-Artikolu 249 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[7]. Minn qari tal-atti tal-każ li llum għandha quddiemha, din il-Qorti ssib li l-ebda waħda miż-żewġ ċirkostanzi maħsuba f'dak il-*proviso* ma jgħoddu għall-każ tallum, billi l-ammont tal-kawtela kien laħaq ġie stabbilit mir-Reġistratur sa minn qabel ma nħareġ l-Avviż tas-Smigħ, u billi n-notifika tal-atti saret fi żmien biżżejjed qabel l-ewwel smigħ tal-appell;

13. Illi hawnhekk il-Qorti tqis li l-argument miġjub minn AJD dwar is-siwi tan-notifika tal-Avviż tas-Smigħ u tal-Ħlas tal-Kawtela mhuwiex wieħed mistħoqq. Mill-atti tal-kawża, joħroġ ċar li n-notifika tal-imsemmi att saret fl-indirizz mogħti mill-istess appellanti minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti personalment. Ħareġ ukoll li l-imsemmija notifika saret aktar minn

---

[5] App. Ċiv. **13.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.1**)
[6] Ara App. Ċiv. **10.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Maltacom p.l.c. vs Paul Caruana***
[7] *Proviso* tal-art 209(1) tal-Kap 12

għaxart (10) ijiem qabel is-smigħ tal-appell. Mix-xhieda ta' Joseph Cutajar (li laqa' għandu n-notifika tal-Avviż) ħareġ ukoll li n-notifika tal-atti ġudizzjarji marbuta ma' AJD u ma' ditti jew kumpanniji oħrajn fil-Grupp, issir f'dak il-post. Xehed ukoll li malli ngħata f'idejh l-Avviż, ħallih imdendel biex jarawh id-diretturi. Dawn iċ-ċirkostanzi lkoll jixhdu li n-notifika saret kif imiss. Fit-tieni lok, l-argument tan-nuqqas ta' siwi tan-notifika jitwaqqa' minn AJD innifisha billi, dakinhar li ssejjaħ l-appell dehru żewġ rappreżentanti tagħha quddiem il-Qorti li kkonfermaw in-notifika, u wkoll mir-rikors innifsu li fih AJD tgħid li d-diretturi ma kellhomx żmien biżżejjed minn dakinhar tan-notifika biex jikkomunikaw mal-avukati tagħhom u jirregolaw irwieħhom dwar il-ħlas tal-kawtela;

14. Illi l-argument magħmul minn AJD li kien ilha żmien twil tistenna biex l-appell tagħha jkun appuntat ma jibdel xejn mill-ħtieġa li hija kellha li, saż-żmien mitlub mil-liġi, twettaq dak li kellha tagħmel biex tkun f'qagħda li tittratta l-appell tagħha. Lanqas ma tara s-siwi tal-kumment li l-appell tagħha kien appuntat "mingħajr ebda preavviż" għal jum fil-qrib;

15. Illi, għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet li AJD ssemmi biex tipprova tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tħallas f'waqtha l-garanzija tal-ispejjeż tal-appell tagħha, il-Qorti ssib li dawn ir-raġunijiet ma jikkostitwux raġuni tajba biex twassal għall-ilqugħ tat-talba tagħha. Kemm minn dak li jissemma fir-rikors u kif ukoll dak li xehed Charles Azzopardi (wieħed mid-

diretturi ta' AJD), joħroġ ċar li n-nuqqas ta' ħlas ma kien il-frott tal-ebda "żball invinċibbili", iżda ta' nuqqas ta' tmexxija tajba mistennija minn persuna għaqlija f'dak li jirrigwarda l-metodu tal-ħarsien tal-atti ġudizzjarji li tressaq hija nnifisha. Iż-żewġ raġunijiet li AJD tagħti – li lanqas huma għal kollox kompatibbli ma' xulxin – u jiġifieri li fiż-żmien relattiv kienet imħabbta bis-sħiħ fl-eqqel tal-istaġun tad-dħul tat-tonn fl-istabbilimenti tagħha u l-fatt li ftit tal-jiem qabel kienet fetħet proċeduri oħra li d-diretturi setgħu ħasbu li l-Avviż kien jirreferi għalihom, bl-ebda mod ma jibdlu l-fehma ta' din il-Qorti li n-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tal-garanzija ġabitu b'idha AJD nnifisha minħabba t-traskuraġni tal-uffiċjali tagħha. Il-fatt li AJD nnifisha tistqarr li hija midħla ta' proċedimenti u ta' litigazzjoni f'dawn il-Qrati hija xiehda biżżejjed li dan l-appell mhuwiex l-ewwel esperjenza ġudizzjarja tagħha u għalhekk hija jmissha taf x'irid isir u li dan irid isir b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi;

16. Illi l-Qorti tagħraf li AJD targumenta li, bis-saħħa tad-digriet tad-deżerzjoni tal-appell tagħha, l-appell tagħha kellu jieqaf. Madankollu, l-ilment tagħha li dak id-digriet ġabilha ħsara fil-jedd tagħha għal smigħ xieraq kien jista' jkun jgħodd kieku r-raġuni li wasslet għall-imsemmi digriet ma kinitx ġejja minn imġibietha stess;

17. Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li l-att imressaq minn AJD mhuwiex dak li kellha tinqeda bih biex setgħet tagħmel talba bħal dik li

għamlet. Fid-dawl tal-fatt li l-effett immedjat ta' kawża li tkun marret deżerta fl-istadju tal-appell huwa dak li s-sentenza appellata ssir ġudikat[8], jidher ċar li dak l-istat ma setax jinbidel b'talba magħmula b'rikors ħalli din il-Qorti taqleb il-provvediment "*contrario imperio*". Jekk AJD riedet tikseb rimedju, il-liġi tagħtiha li jagħmel dan bil-proċedura xierqa u mhux b'rikors biex din il-Qorti tibdel "*contrario imperio*" d-digriet li bih iddikjarat bħala deżert l-appell imressaq minnha[9]. Digriet "*contrario imperio*" jista' jingħata biss fejn il-kawża tkun għadha tinstema' u mhux fejn tkun saret ġudikat. Dan ifisser ukoll li, mqar jekk AJD kellha raġuni tajba, l-att li ressqet biex għamlet it-talba tagħha ma kienx jiswa;

**Decide**

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpanija appellanti u tikkonferma d-digriet ta' deżerzjoni mogħti waqt is-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2020, bl-**ispejjeż** jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb

[8] Art. 963(6) tal-Kap 12
[9] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Jesmond Sammut vs Peter Aquilina***